MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 38

It-Tnejn, 21 ta' Awwissu, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

## Minuti

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 38.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

38.1.1. Is- Sindku JC informa li l-Kunsillier AC talab li jkun skużat fis-7.00pm.

38.1.2. Il-Kunsillier JBO talab li jkun skużat fis-7.00 pm.

38.1.3. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

38.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tas-sebgħa u tletin (37) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

38.2.1.1. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 37.4.1 u talab li l-kelma "Surfside" tiġi sostitwita bil-kelma "Seaside".

38.2.1.2. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier JBO favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur: | 6 (JBD, JBO, JC, JB, LAG, SZ) |
| Kontra: | 0 |
| Astensjonijiet: | 0 |

**NB – 5.35pm – Il-Kunsillier AC attenda għal-laqgħa.**

38.2.2. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 37.4.8 li tirrigwardja trasport waqt il-ġimgħa tal-festa. Huwa informa li s-servizz offrut kien wieħed li ħalla riżultat pożittiv. Huwa fakkar li dan ġie jiswa €350.

38.2.3. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 37.4.4.4 li tirrigwardja bollards bilkatina fil-passagg li jwassal għal fejn il-Lukanda Waters Edge. Huwa ssuġġerixxa li dawn isiru fissi.

38.2.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li dawn isiru kif maqbul fillaqgħa preċedenti.

38.2.3.2. Il-Kunsill innota li saru l-applikazzjonijiet relevanti.

38.2.4. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 37.4.11.1 fir-rigward tal-Attivita' Gloria Festival, u staqsa jekk kienx hemm zviluppi.

38.2.4.1. Il-Kunsillier SZ wieġeb li l-attivita' hija kkonfermata għal 11 t'Ottubru 2017.

38.2.5. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 37.4.12.1 li tirrigwardja tindif fi Triq Wied il-Qoton.

38.2.5.1. Is-Sindku informa li ġie mqabbad il-kuntrattur sabiex jagħmel dan.

38.2.5.2. Il-Kunsillier SZ issuġġerixxa li minħabba li kien hemm ilment idDipartiment, id-Dipartiment jiġi infurmat bl-eżitu.

38.2.6. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 37.8.1 u informa li s-Sinjura Farrugia irringrazzjat lill-Kunsill tal-azzjoni meħuda.

38.2.7. Il-Viċi Sindku JB għamel referenza għal materja 37.14.2 li jirrigwardja parkeġġ fliskola għal matul il-ġimgħa tal-festa. Huwa informa li dan ma sarx minħabba li ma ntleħqux il-kriterji stabbiliti mill-Kunsill.

38.2.7.1. Is-Sindku informa li matul dik il-ġimgħa sar arranġament minn persuna privata, u b'hekk kien hemm soluzzjoni temporanja.

38.2.7.2. Il-Kunsill innota li l-arranġament imsemmi ħalla riżultat pożittiv, u ssuġġerixxa li għas-sena d-dieħla ikun hemm iktar koordinazzjoni.

38.2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 37.2.8 li tirrigwardja linji ta' parkeġġi fi Triq il-Port Hieles, u staqsa jekk kienx hemmm żviluppi.

38.2.8.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għad ma hemmx approvazzjoni.

38.2.9. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 37.3.1 li tirrigwardja tpoġġija ta' skip mill-ħanut Maypole Confectionery, u staqsa jekk kienx hemm tweġiba.

38.2.9.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma rċeviex risposta.

38.2.10. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 37.4.6.1 li tirrigwardja *barriers* filprominad ta' Wied il-Buni.

38.2.10.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma rċeviex risposta mill-GHRC.

38.2.11. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 37.4.9 u informa li hu mar fuq il-post, u fl-opinjoni tiegħu tista issir *road hump* fil-bokka ta Triq il-Brolli.

38.2.11.1. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ jipprovdi il-pjanti sabiex issir lapplikazzjoni.

38.2.12. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 37.10.2 u informa li huwa mar fuq ilpost iżda ma sabx fejn kien hemm xi *barriers*. Huwa ppropona li l-klijent jindika lpost eżatt.

38.2.13. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 37.18 u informa li beda l-proċess għat-twaħħil ta' bozoz kif approvati, inkluż ta' Triqil-Karmnu.

38.2.14. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 37.11.3 u staqsa jekk inġabux listimi.

38.2.14.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa fin-negattiv.

38.2.15. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 37.2.5 li tirrigwardja l-Bye-Law talBarbeques u staqsa jekk kienx hemm żviluppi.

38.2.15.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill għadu ma rċeviex risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

38.2.16. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 37.14.3 li tirrigwardja l-approvazjzoi ta-toqob fit-triq, għal armar tal-festa f'Misraħ il-Knisja, u staqsa jekk ġietx irtirta lapprovazzjoni.

38.2.16.1. Il-Kunsill ma qabilx li għanda tiġi rtirata l-approvazzjoni mogħtija

38.2.17. Il-Kunsillier AC għamel referenza għal materja 37.14 u informa li r-rapport talOccupational Health and Safety għadu mhux lest.

## 38.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

38.3.1. Is-Sindku informa li ċ-China Cultural Centre, ser ikun qed jorganizza kors tal-lingwa Ċiniza f'Birzebbuġa.

38.3.1.1. Il-Kunsill qabel li dawn il-lezzjonijiet isiru l-iskola, fil-ġranet tal-Lifelong Learning. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera LAG tikkoordina.

38.3.2. Is-Sindku JC informa dwar e-mail riċevuta mis-Sur Michael Schembri għan-nom talGħaqda tal-Armar, fejn talab l-assistenza tal-Kunsill sabiex jittieħdu azzjonijiet minħabba li l-maħżen tal-armar qed ikun ta' kull sena imblukkat fi żmien il-festa.

38.3.2.1. Il-Kunsill innota li qed isir parkegg b'mod li jirrestrinġi manuvri bilvetturi.

38.3.2.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jsir aġġustament fil-parkeġġ biex jigu inklinati, u b'hekk tittaffa l-problema. Il-Kunsillier SZ ġie inkariġat mid-disinn.

38.3.2.3. Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru bollards quddiem il-maħżen, u jintużaw biss fi żmien tal-festa.

38.3.3. Is-Sindku JC informa dwar laqgħa li saret li tirrigwardja il-proġett Design4Dcity, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti rendikont.

38.3.3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-proġett.

38.3.4. Is-Sindku JC informa dwar Ċirkulari 21-2017 riċevuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li tirrigwardja Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2017.

38.3.4.1. Il-Kunsill innota li mhux eliġibbli li jipparteċipa din is-sena.

38.3.5. Is-Sindku JC informa dwar Ċirkolari 22-2017 riċevuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li tirrigwardja Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunita' – Libreriji Lokali / Reġjonali

38.3.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jipparteċipa, sa massimu ta €350.

38.3.6. Is-Sindku JC informa dwar Memo 13-17 riċevuta mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja, li tirrigwardja l-vaċċin tal-Influenza.

38.3.6.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jipparteċipa.

38.3.7. Is-Sindku JC informa dwar e-mail riċevuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Case No 408/2017 – Diffikultajiet Finanzjarji Kunsilli Lokali.

38.3.7.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jabbozza rapport li jiġi ċirkulat mal-Kunsillieri għal kunsiderazzjoni.

38.3.8. Is-Sindku JC informa dwar e-mail riċevuta mis-Sur Dean Demanuele rappreżentant tal-kumpanija Raven Music Agency sabiex jingħata permess li jippromwovi prodotti fil-Bajja s-Sabiħa fis-16 ta' Settembru 2017.

38.3.8.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jiddiskuti iktar fid-dettall mal-applikant,u sussegwentament ikun jista' jingħata l-permess.

38.3.9. Is-Sindku JC informa dwar e-mail riċevuta mis-Sur Migneco Farrugia fejn talab lapprovazzjoni tal-Kunsill sabiex jesebixxi vetturi elettriċi fuq il-promenad.

38.3.9.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni u li jista' jinghata l-permess.

## 38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

38.4.1. Il-Kunsillier AC staqsa jekk kienx hemm żviluppi fil-proġett tax-Xatt ta' San Ġorġ minħabba li t-triq tegħreq.

38.4.1.1. Is-Sindku JC informa li saru numru ta' diskussjonijiet f'din it-triq u issa ġiet inkluża fil-pjan ta' Riġenerazzjoni.

38.4.1.2. Il-Kunsill innota li waqt l-aħħar laqgħa rigward il-Pjan ta' Riġenerazzjoni id-diskussjoni kienet iffukata fuq ir-riabilitazzjoni ta'
Triq San Patrizju. Ġie innutat ukoll li ġie irriklamat ukoll il-Ġnien ta' Wied il-Buni. Is-Sindku qal li fl-intervista tiegħu huwa għamel enfażi fuq il-parkeġġ.

38.4.1.3. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li l-varar sar mgħaġġel, u bla konsultazzjoni, fejn id-deċiżjonijiet diġa' ittieħdu u l-Kunsill sar jaf mill-*media*.

38.4.1.4. Is-Sindku JC informa li waqt il-laqgħa issemma l-*iskatepark,* isir f'din iżżona, iżda kien hemm oppożizzjoni.

38.4.1.5. Il-Viċi Sindku JB, irrimarka li l-Freeport mill-liċenja tiegħu jinteressaħ u l-ġnien ser isir biex jilħaq il-miri ta' *Sound barrier*. Huwa enfasizza li

lewwel għandu jsir il-parkeġġ , u wara isir il-ġnien. Il-prijoritajiet għandhom ikunu differenti. Il-Kunsillier AC qal li l-Kunsill għandu isemma' leħnu u jagħti l-veduti tiegħu.

38.4.1.6. Il-Kunsill qabel li jintbagħat *reminder* għall-proġett tax-xatt ta' San Ġorġ.

38.4.2. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar il-proġett tal-Qajjenza, u jekk hemmx xi dati u progress. Hija staqsiet ukoll dwar it-tindif minħabba t-trabijiet li qed jinqalgħu.

38.4.2.1. Is-Sindku JC informa li d-dati baqgħu l-istess, sa Novembru infrastruttura, u *finishings* sa April. Is-Sindku informa li t-tindif suppost qed isir kull nhar ta ġimgħa kif maqbul xhur ilu.

38.4.2.2. Il-Kunsill qabel li jintalab li t-tindif isir dabtejn fil-gimgħa

38.4.3. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk l-ex impjant tal-gass jistax jintuża għall-parkeġġ.

38.4.3.1. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Enemalta.

38.4.4. Il-Kunsillier JBO staqsa jekk hemmx xi xogħol ta' *patching* programmat għal Triq San Tumas, speċjalment fejn iżomm l-ilma

38.4.4.1. Is-Sindku wieġeb li dan mhux programmat iżda jista jiġi ikkunsidrat.

38.4.4.2. Il-Viċi Sindku JB ippropona li jekk huwa difett tort ta xogħol mhux tajjeb mill-WaterWervices, jiġu kkuntattjati huma.

**Il-Kunsill qabel unanimament li jibdel ix-xogħol tal-aġenda, u tiġi diskussa materja 38.22 – Bye Law dwar il-Konsum tal-Alkoħol fil-Pubbliku.**

## 38.22 Bye-Law dwar Konsum tal-Alkohol fil-Pubbliku;

38.22.1 Il-Kunsillier AC informa li l-ispettur tal-Għassa ta' Birżebbuġa, issuġġerixxa li lKunsill jagħmel Bye-Law dwar konsum ta' xorb fi flixken tal-ħġieġ, f'Postijiet Pubbliċi, u dan sabiex ikun jista' jsir iktar kontroll.

38.22.2 Il-Kunsill qabel li tiġi abbozzata bye-law. Il-Kunsill approva li l-bye-law tkun ibbażata fuq dik ippubblikata mill-Kunsill tal-Imqabba.

38.22.3 Il-Kunsill qabel li l-pubbliku jiġi infurmat.

**Il-Kunsill qabel unanimament li jitkompla x-xogħol tal-aġenda.**

38.4.5. Il-Kunsillier JBO staqsa dwar il-posisbilta' li jeħlu tabelli "Tarmix Żibel Hawn" fi Triq il-Merżuq, fejn il-Bring in Sites.

38.4.6. Il-Kunsillier JBO għamel referenza għal art li hemm fi Triq il-Merżuq u Triq il-Fossili, u irrimarka li peress li din hija miftuħa, qed ikun hemm rimi ta' skart.

38.4.6.1. Il-Kunsill qabel li ssir komunikazzoni mal-PA u d-Dipartiment tasSaħħa.

**NB 6.55pm: Il-Kunsillier AC talab li jkun skużat.**

38.4.7. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar il-*boom* li sar fi Pretty Bay u li dan kien effettiv fl-aħħar tixrid ta' żejt li kien hemm. Huwa irrimarka dwar il-bżonn li primarjament tixrid ta' żejt jiġi ikkontrollat fis-sors ta' ħruġ.

38.4.7.1. Is-Sindku wieġeb li jekk iħalli r-riżultat mixtieq, ser jitlob li l-*boom* jitwal biex ikopri kemm żona ikbar tas-*swimming zone*, kif ukoll fissors.

38.4.7.2. Ġie innutat li San Luċjan Oil għandhom *boom*, li huma obbligati li juzawh ukoll, u għaldaqstant jgħin fil-parti tal-Qajjenza.

38.4.8. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar l-irmiġġi, u qal li jidher li qed ikun hawn żieda fl-irmiġġi, possibilment b'mod abbużiv, u mingħajr il-permess tal-Awtoritajiet ikkonċernati.

**NB 7.00pm: Il-Kunsillier JBO talab li jkun skużat.**

38.4.9. Il-Kunsillier JB staqsa lis-Sindku, fuq talba ta' numru ta' persuni, dwar il-possibilta' li żwiemel jitħallew jitniżżlu jgħuma fejn is-Sailing Club kmieni filgħodu, sabiex ma jinħolqux inkonvenjenzi.

38.4.9.1. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir it-talba relevanti. Il-Kunsill qabel.

## 38.5 Rapporti

38.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapporti mill-*Contracts Manager* dwar il-kuntrattur li jagħti servizz ta' knis u tindif ta' toroq. (Anness Dok A1).

38.5.1.1. Il-Kunsill ikkonferma l-avviżi, u qabel li jingħata avviż lill-Kuntrattur, li l-Kunsill ser iżomm id-dritt li jittermina l-kuntratt.

38.5.1.2. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa bejn il-Kuntrattur, il-Contracts Manager, is-Segretarju Eżekuttiv, u s-Sindku

## 38.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

38.6.1. Ma kienx hemm rapporti mressqa.

## 38.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

38.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 08/17 li ġiet iċċirkulata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK B1).

38.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

38.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Lulju bir-riferenza 07/2017 (Anness Dok B2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

38.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata millKunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 38.8 Delegi u Responsabiltajiet;

38.8.1. Is-Sindku JC ippreżenta lista tad-Delegi u Responsabiltajiet b'effett immedjat. (Dok C1)

38.8.1.1. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li tnaqqsulha l-attivitajiet, l-iktar delega li kienet tħobb.

38.8.1.2. Il-Kunsilliera LAG irrimarkat li hija lesta li toffri ir-responsabilta' talGħaqdiet.

38.8.1.3. Is-Sindku irrimarka li issa li l-Kunsill qiegħed f'nofs il-leġislatura, huwa ħass il-bżonn li jinbidlu. Is-Sindku żied jgħid li d-delegi huma prerogattiva tas-Sindku.

## 38.9 Mozzjonijiet;

38.9.1. Mozzjoni 38.9.A imressqa mill-Kunsilliera LAG (Dok C2)

Il-Kunsilliera spjegat il-mozzjoni. Il-Kunsillier SZ issekonda l-mozzjoni.

Wara diskussoni libera, ittieħed vot favur il-mozzjoni bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 38.10 Proġett Skatepark;

38.10.1. Il- Sindku JC informa li dak inhar filgħodu saret laqgħa mal-E.T. M.L. Coleiro Preca, President ta' Malta, fir-rigward tal-proġett tal-iskatepark. Waqt din il-laqgħa gie maqbul li proġett għandu jibqa fiż-żona oriġinali.

38.10.2. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li huwa minn dejjem kien jisħaq li l-proġett f'din iż-żona ser iġib iktar roti u problemi x-xatt u fil-prominad.

**NB: 7.35 pm: Il-Kunsilliera JBD talbet li tkun skużata.**

## 38.11 Pjan ta' Riġenerazzjoni;

38.11.1. Is-Sindku JC talab li dan il-pjan għandu jiġi diskuss fid-dettal mal-GHRC u Projects Plus, wara li ssir il-konsultazzjoni pubblika mar-residenti.

## 38.12 Tismija ta' Toroq;

38.12.1. Is-Sindku JC informa dwar l-iżvilupp fiż-żona tal-Papa fi Triq il-Girgħien, kantuniera ma' Triq il-Qroll. Huwa rrimarka li hemm numru ta' toroq li hemm il-bżonn li jingħataw l-isem.

38.12.2. Il-Kunsill qabel li jingħataw dawn l-ismijiet:

a) Triq ġdida faccata ta’ Triq il-Qroll tissemma’ Triq il-Qroll (tkomplija tattriq eżistenti)

b) Triq ġdida parallela ma’ triq imsemmija f’punt a) – Triq il-Qarnit.

c) Triq ġdida kantuniera ma’ toroq imsemmija f’punt a) u punt b) – Triq ilĠurġier (tkomplija tat-triq eżistenti)

## 38.13 Applikazzjonijiet ta’ Żvilupp;

38.13.1. Is-Sindku JC tkellem dwar applikazzjoni ta żvilupp PA 2130/17 li tittratta rilokazzjoni ta’ *attendants’ area* għall-kiri ta’ għamara tal-baħar.

38.13.2. Il-Kunsill qabel li tintbagħat sottomissjoni li tgħid li l-Kunsill m’ghandux oġġezzjoni kemm il-darba ma hemm ebda struttura la temporanja, u lanqas fissa.

## 38.14 Street Lighting;

38.14.1. Ma kienx hemm materji diskussi.

## 38.15 Proposti *Tables and Chairs*;

38.15.1. Is-Sindku JC tkellem dwar e-mail riċevuta mill-Assocjazzjonita tal-Kunsilli Lokali, fejn talbu kummenti u proposti dwar ir-rapport imħejji minnhom li jitratta mwejjed u siġġijiet.

38.15.2. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera għandhom jgħaddu l-punti lis-Segretarju Eżekuttiv sa l-Erbgħa 23 t’Awwissu, u sussegwentament jitħejja rapport minnu.

## 38.16 Proposti Swieq fil-Beraħ;

38.16.1. Is-Sindku JC tkellem dwar e-mail riċevuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn talbu kummenti u proposti dwar ir-rapport imħejji minnhom li jittratta Swieq filBeraħ.

38.16.2. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera għandhom jgħaddu l-punti lis-Segretarju Eżekuttiv sa l-Erbgħa 23 t’Awwissu, u sussegwentament jitħejja rapport minnu.

## 38.17 Proposti Ġbir u Mmaniġġjar ta' Skart;

38.17.1. Is-Sindku JC tkellem dwar e-mail riċevuta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn talbu kummenti u proposti dwar ir-rapport imħejji minnhom li jitratta Ġbir u Mmaniġġjar ta' Skart.

38.17.2. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera għandhom jgħaddu l-punti lis-Segretarju Eżekuttiv sa l-Erbgħa 23 t'Awwissu, u sussegwentament jitħejja rapport minnu.

## 38.18 Proposti dwar l-iskemi tal-ħaddiema mal-Kunsilli Lokali ;

38.18.1. Is-Sindku JC tkellem dwar e-mail riċevuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn talbu kummenti u proposti dwar ir-rapport imħejji minnhom li jittratta l-iskemi talħaddiema mal-Kunsilli Lokali

38.18.2. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera għandhom jgħaddu l-punti lis-Segretarju Eżekuttiv sa l-Erbgħa 23 t'Awwissu, u sussegwentament jitħejja rapport minnu.

## 38.19 Festa tal-Lokal 2017;

38.19.1. Is-Sindku talab li jsir *working group* fejn jiġu diskussi l-punti relatati mal-festa, u li huma taħt ir-responsabilta tal-Kunsill. Il-grupp għandu jiddskuti dawn il-punti: ○ Immaniġġjar tat-traffiku, ○ Permessi ta' Kiosks ○ Permessi ta mwejjed u siġġijiet. ○ Ftuħ u għeluq ta' toroq

- Trasport Pubbliku / trasport alternattiv
- Saħħa u Sigurta'

38.19.2. Il-Kunsill qabel li l-*working group* għandu jinżamm it-Tnejn 4 ta' Settembru 2017, fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Viċi Sindku għandu jippresiedi.

## 38.20 Traffic Management Qajjenza;

38.20.1. Il-Kunsill qabel li jitlob lil Transport Malta sabiex jipproċedu bit-twaħħil tal-*impact bollards*, kif kienu iddisinjati minnhom stess.

## 38.21 Attivitajiet tal-Kunsill;

38.21.1. Is-Sindku fakkar fl-attivitajiet tal-Kunsill li ser isiru fix-xhur li ġejjin, fosthom Regatta f'Birżebbuġa, Joys of Gospel, u Jum Birżebbuġa.

38.21.1.1. Wara diskussjoni libera, Il-Kunsill qabel li Jum Birżebbuġa jsir f'Novembru sabiex ikun hemm attivita' f'kull xahar.

## 38.22 Bye-Law dwar Konsum tal-Alkohol fil-Pubbliku;

38.22.1. Din il-materja ġiet diskussa iktar kmieni.

## 38.23 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

38.23.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.28 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 25 ta' Settembru 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 25 ta' Settembru, 2017.

| | |
|---|---|
| [Iffirmati] | [Iffirmati] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |

PERIT Carmel Cacopardo

B.E.& A., A.I.E.M.A.
M.Sc. (Staffs) (Sustainability & Environmental Management)

Architect & Civil Engineer Warrant 178
Environmental & Land Use Planning Consultant
BBg 559/09/I/80

51, Triq Isouard, Marsa. MRS 2019

email: cacopardocarm@gmail.com

Tel: +356 2123 4278, +356 9949 3903

**Is-Sur Christopher Bezzina**
**Emanuel Court flat 1, Triq Carmen Mallia**
**San Ġwann**

**17 t' Awwissu 2017**

**Suġġett : Kuntratt ta' knis tat-toroq ġo Birżebbuġa rapport dwar spezzjoni**

Sinjur,

Nirreferi għat-twissijiet diversi kemm verbali kif ukoll bil-miktub li tajtek in konnessjoni mat-twettieq tal-obbligi kuntrattwali tiegħek dwar il-kuntratt għat-tindif u l-knis tat-toroq ta' Birżebbuġa, liema kuntratt hu presentment fis-seħħ.

B'mod partikolari nirreferik għat-twissijiet bil-miktub dwar dan liema twissijiet huma datati 14 ta' Lulju 2017 u 7 t'Awwissu 2017.

Il-bieraħ 16 t'Awwissu 2017 min-12.30pm il-quddiem għamilt spezzjoni oħra tat-toroq li kien imiss jitnaddfu il-bieraħ stess u dan skond il-programm ta' xogħol miftiehem. Għal kull buon fini hu dikjarat li l-ispezzjonijiet saru bejn in-12.30pm u s-2.00pm u bejn l-4.00pm u s-6.00pm.

Osservajt in-nuqqasijiet segwenti :

1) Triq San Patrizju: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 66 ritratt),
2) Triq il-Bajja s-Sabiħa: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 43 ritratt),
3) Dawret il-Qalb Imqaddsa inkluż id-daħla magħrufa bħala Misraħ il-Qalb Imqaddsa: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti

kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 117-il ritratt),

4) Triq Żarenu Dalli: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 49 ritratt),
5) Misraħ il-Knisja: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 27 ritratt),
6) Ix-Xatt ta' San Ġorg: mhux miknus, inkella mhux miknus sewwa, u dan apparti ftit ħaxix mhux maqtugħ, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 21 ritratt),
7) Triq Salvatore Cachia Zammit: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 37 ritratt),
8) Triq id-Daqqaqa: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 56 ritratt),
9) Triq il-Kitarristi: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 38 ritratt),
10) Triq l-Għannejja: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 59 ritratt),
11) Triq il-Mandolina: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 42 ritratt),
12) Triq l-Iżbark tat-Torok: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 30 ritratt flimkien ma ritratti għal Triq il-Folklor),
13) Triq il-Folklor: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 30 ritratt flimkien ma ritratti għal Triq l-Iżbark tat-Torok),
14) Triq il-Merzuq: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 52 ritratt),
15) Triq Mikiel Abela: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 28 ritratt),
16) Triq F.M.Ferretti: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 49 ritratt),

ERIT Carmel Cacopardo
B.E.& A., A.I.E.M.A.,
M.Sc. (Staffs) (Sustainability & Environmental Management)

17) Triq il-Fossili: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs differenti f'kull parti tat-triq, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 42 ritratt),
18) Triq F.C. Bourlemaque: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti ħaxix li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 8 ritratti),
19) Triq il-Batterija: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti ħaxix li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 10 ritratti),
20) Triq l-Għansar: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti ħaxix li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 27 ritratt),
21) Triq iż-Żejtun: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti ħaxix li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 3 ritratti).

In vista ta' dan qiegħed, skond ma jipprovdu l-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-kuntratt li inti għandek mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għall-knis tat-toroq, nagħtik **21 Avviż dwar Nuqqas** (default notices) u ċjoe avviż dwar kull waħda mill-21 triq hawn fuq indikata u dan għall-finijiet u l-effetti tal-istess kuntratt. Għal kull buon fini l-Avviżi huma s-segwenti:

**Avviż Numru 1** : dwar Triq San Patrizju għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 2** : dwar Triq il-Bajja s-Sabiħa għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 3** : dwar Dawret il-Qalb Imqaddsa, inkluża l-parti magħrufa bħala Misraħ il-Qalb Imqaddsa, skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 4** : dwar Triq Żarenu Dalli għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 5** : dwar Misraħ il-Knisja għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 6** : dwar ix-Xatt ta' San Ġorġ għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 7** : dwar Triq Salvatore Cachia Zammit għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 8** : dwar Triq id-Daqqaqa għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 9** : dwar Triq il-Kitarristi għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 10** : dwar Triq l-Għannejja għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 11** : dwar Triq il-Mandolina għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 12** : dwar Triq l-Iżbark tat-Torok għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 13** : dwar Triq il-Folklor għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 14** : dwar Triq il-Merżuq għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 15** : dwar Triq Mikiel Abela għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 16** : dwar Triq F.M. Ferretti għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 17** : dwar Triq il-Fossili għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 18** : dwar Triq F.C. Bourlemaque għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 19** : dwar Triq il-Batterija għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 20** : dwar Triq l-Għansar għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 21** : dwar Triq iż-Żejtun għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

Inti mwissi biex fl-iqsar żmien possibli tagħmel ix-xogħol li m'għamiltx inkella li m'għamiltx sewwa.

Apparti dawn it-toroq, jiena l-bieraħ spezzjonajt ukoll Misraħ is-Summit u Triq Birżebbuġa (minn ħdejn l-Għassa sal-Knisja) f'liema każi l-knis kien ta' livell aċċettabbli.

Kopja elettronika tar-ritratti kollha huma annessi.

**Carmel Cacopardo B.E.&A., A.I.E.M.A., M.Sc. (Staffs)**
**Contract Manager – Kunsill Lokali Birżebbuġa**

cc : Is-Sur Svetlick Flores, Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Birżebbuġa

PERIT Carmel Cacopardo
51, Triq Isouard, Marsa. MRS 2019

B.E.& A., A.I.E.M.A.
M.Sc. (Staffs) (Sustainability & Environmental Management)
email: cacopardocarm@gmail.com

Architect & Civil Engineer Warrant 178
Environmental & Land Use Planning Consultant
Tel: +356 2123 4278, +356 9949 3903

BBg 559/09/I/81

**Is-Sur Christopher Bezzina**
**Emanuel Court flat 1, Triq Carmen Mallia**
**San Ġwann**

**18 t' Awwissu 2017**

## Suġġett : Kuntratt ta' knis tat-toroq ġo Birżebbuġa rapport dwar spezzjoni nhar iż-17 t'Awwissu 2017

Sinjur,

Nirreferi għat-twissijiet diversi kemm verbali kif ukoll bil-miktub li tajtek in konnessjoni mat-twettieq tal-obbligi kuntrattwali tiegħek dwar il-kuntratt għat-tindif u l-knis tat-toroq ta' Birżebbuġa, liema kuntratt hu presentment fis-seħħ.

B'mod partikolari nirreferik għat-twissijiet bil-miktub dwar dan liema twissijiet huma datati 14 ta' Lulju 2017 u 7 t'Awwissu 2017.

Il-bieraħ 17 t'Awwissu 2017 mis-12.45pm il-quddiem għamilt spezzjoni oħra tat-toroq li kien imiss jitnaddfu il-bieraħ stess u dan skond il-programm ta' xogħol miftiehem. Għal kull buon fini hu dikjarat li l-ispezzjonijiet saru bejn in-12.45pm u s-2.00pm.

Osservajt in-nuqqasijiet segwenti :

1) Triq Santa Katarina: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs żgħir, li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 35 ritratt),
2) Triq iż-Żurrieq: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs żgħir, li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 54 ritratt),
3) Triq il-Kurat Fenech: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs żgħir, li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 18 ritratt),
4) Triq is-Sajjied: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs żgħir, li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 12 ritratt),
5) Triq il-Bandli: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs żgħir, li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 11-il ritratt),

6) Triq l-Iskola: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs żgħir, li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 15-il ritratt),
7) Triq Birżebbuġa mill-Knisja l-isfel: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs żgħir, li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 79 ritratt).

In vista ta' dan qiegħed, skond ma jipprovdu l-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-kuntratt li inti għandek mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għall-knis tat-toroq, nagħtik **7 Avviżi dwar Nuqqas** (default notices) u ċjoe avviż dwar kull waħda mis-7 toroq hawn fuq indikati u dan għall-finijiet u l-effetti tal-istess kuntratt. Għal kull buon fini l-Avviżi huma s-segwenti:

**Avviż Numru 22** : dwar Triq Santa Katarina għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 23** : dwar Triq iż-Żurrieq għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 24** : dwar Triq il-Kurat Fenech għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 25** : dwar Triq is-Sajjied għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 26** : dwar Triq il-Bandli għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 27** : dwar Triq l-Iskola għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

**Avviż Numru 28** : dwar Triq Birżebbuġa mill-Knisja l-isfel għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

Inti mwissi biex fl-iqsar żmien possibli tagħmel ix-xogħol li m'għamiltx inkella li m'għamiltx sewwa.

Apparti dawn it-toroq, jiena l-bieraħ spezzjonajt ukoll Triq il-Prof Anton Tabone, Triq iż-Żibra u Triq San Ġorg, f'liema każi il-kundizzjoni ta' ndafa ta' dawn t-toroq, għalkemm setgħet kienet aħjar qed titqies bħala aċċettabbli.

Kopja elettronika tar-ritratti kollha huma annessi.

**Carmel Cacopardo B.E.&A., A.I.E.M.A., M.Sc. (Staffs)**
**Contract Manager – Kunsill Lokali Birżebbuġa**

cc : Is-Sur Svetlick Flores, Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Birżebbuġa

PERIT Carmel Cacopardo
51, Triq Isouard, Marsa. MRS 2019

B.E.& A., A.I.E.M.A.
M.Sc. (Staffs) (Sustainability & Environmental Management)
email: cacopardocarm@gmail.com

Architect & Civil Engineer Warrant 178
Environmental & Land Use Planning Consultant
Tel: +356 2123 4278, +356 9949 3903

BBg 559/09/I/83

**Is-Sur Christopher Bezzina**
**Emanuel Court flat 1, Triq Carmen Mallia**
**San Ġwann**

**19 t' Awwissu 2017**

## Suġġett : <u>Kuntratt ta' knis tat-toroq ġo Birżebbuġa rapport dwar spezzjoni nhar it-18 t'Awwissu 2017</u>

Sinjur,

Nirreferi għat-twissijiet diversi kemm verbali kif ukoll bil-miktub li tajtek in konnessjoni mat-twettieq tal-obbligi kuntrattwali tiegħek dwar il-kuntratt għat-tindif u l-knis tat-toroq ta' Birżebbuġa, liema kuntratt hu presentment fis-seħħ.

B'mod partikolari nirreferik għat-twissijiet bil-miktub dwar dan liema twissijiet huma datati 14 ta' Lulju 2017 u 7 t'Awwissu 2017.

Il-bieraħ 18 t'Awwissu 2017 mis-1.00pm il-quddiem għamilt spezzjoni oħra ta' żewġ toroq li kien imiss jitnaddfu il-bieraħ stess u dan skond il-programm ta' xogħol miftiehem.

Osservajt in-nuqqasijiet segwenti :

1) Triq Tal-Ġebel: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs żgħir, li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 35 ritratt),
2) Triq ir-Raddiena: mhux miknusa, inkella mhux miknusa sewwa, u dan apparti kwantitá ta' ħaxix ta' daqs żgħir, li ma nqatax, kif jixhdu r-ritratti li ħadt (total ta' 54 ritratt).

In vista ta' dan qiegħed, skond ma jipprovdu l-Kundizzjonijiet Ġenerali tal-kuntratt li inti għandek mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għall-knis tat-toroq, nagħtik **2 Avviżi dwar Nuqqas** (default notices) u ċjoe avviż dwar kull waħda miż-żewġ toroq hawn fuq indikati u dan għall-finijiet u l-effetti tal-istess kuntratt. Għal kull buon fini l-Avviżi huma s-segwenti:

**Avviż Numru 29** : dwar Triq Tal-Ġebel għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

PERIT Carmel Cacopardo
B.E.& A., A.I.E.M.A.,
M.Sc. (Staffs) (Sustainability & Environmental Management)

**Avviż Numru 30** : dwar Triq ir-Raddiena għan-nuqqas skond kif imfisser iktar il-fuq.

Inti mwissi biex fl-iqsar żmien possibli tagħmel ix-xogħol li m'għamiltx inkella li m'għamiltx sewwa.

Kopja elettronika tar-ritratti kollha huma annessi.

**Carmel Cacopardo B.E.&A., A.I.E.M.A., M.Sc. (Staffs)**
**Contract Manager – Kunsill Lokali Birżebbuġa**

cc : Is-Sur Svetlick Flores, Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Birżebbuġa

It-Tlieta, 8 ta' Awwissu, 2017

Mozzjoni:

## XIRI TA' KOTBA – GĦAL JUM IL-PREMJAZZJONI

Kull sena ssir jum il-premjazzjoni fl-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa, intant għal din is-sena nixtieq li bħala Kunsill Lokali nagħtu premju ġdid lill-istudent li għamel l-aktar titjieb fis-sena skolastika. Jiġifieri, mhux neċessarjement l-aktar student li ġab marki għoljin, imma l-aktar student li mill-bidu sal-aħħar tas-sena wera l-aktar progress fix-xogħol akkademiku.

Intant ilħaqt ġibt kwota ta' prezzijiet għall-kotba għaddatati għall-studenti ta' year 4-5, 5-6, 6-form 1 u l-prezzijiet huwa kif ġejjin:

**Year 4 / 5**

| | |
|---|---|
| Par widnejn kbar | € 5.50 |
| It-tifel Dragun 2 | € 5.50 |
| Fra Mudest 50 sena | € 6.95 |

**Year 5/6**

| | |
|---|---|
| Monumenti Misterjużi | € 5.50 |
| L-investigażjonijiet ta' Arkimeda Lapsi | € 5.50 |
| Avventuri mill-klassi ta' Miss Ambrożja Pulis Kiftaranipenġini | € 7.95 |

**Year 6/ form 1**

| | |
|---|---|
| Termini u Kundizzjonijiet Japplikaw | € 7.00 |
| Irvin Vella : Il-Każ Manduca | € 7.50 |
| Teresa | € 9.50 |

Il-kwota inġabet mingħand il-Merlin Publishers, tajjeb li ngħid li minkejja li t-total tal-kotba huwa ta' €60.90, ingħatajna 25% skont allura l-prezz huwa ta' **€45.68**.

**Leanne Abela Grech**

**Kunsilliera – Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa**

**Proponent**

# Delegi u Responsabiltajiet, B'Effett Mill 21 ta' Awwissu 2017

| | | |
|---|---|---|
| **Joe Cutajar** | **Sindku** | |
| | Relazzjonijiet (Residenti u Media) | Kumitat Finanzi - Chairperson |
| | Relazzjonijiet Internazzjonali | Kumitat Kuntratti (Chairperson) |
| | Attivitajiet kollettivi fir-Raħal | Kumitat Infrastruttura (Chairperson) |
| | | Kumitat Kuntratti (Dep. Chairperson) |
| | | Kumitat Finanzi (Dep Chairperson) |
| | | Kumitat Infrastruttura (Dep. Chairperson) |
| | Ambjent u Tisbiħ (inkluz Playing Fields) | Rapprezentant - Reġjun |
| **Joe Baldacchino** | **Vici Sindku** | |
| | Anzjani | |
| | Sahha u Sigurta | |
| | Relazzjoni mal-Water Services | |
| | Byelaws | Rappreżentant GAL Xlokk |
| | Attivitajiet u Facilitajiet Sportivi | |
| | Attivitajiet Soċjali | |
| **Josette Busuttil** | **Kunsilliera** | |
| | Qasam Soċjali (jikludu s-Servizzi Soċjali) | Kumitat Finanzi (Membru) |
| | Kwalita' u Drittijiet tal-Ġeneru | |
| | Persuni b'Abiltajiet Differenti | |
| **Leanne Abela Grech** | **Kunsilliera** | |
| | Edukazzjoni | Kumitat Kuntratti (Membru) |
| | Kultura U Wirt Storiku | |
| | Fondi Ewropej | |
| | Zaghzagh | |
| | Magazine tal-Kunsill | |
| | Għaqdiet | |
| **Alex Caruana** | **Kunsillier** | |
| | Protezzjoni Civili | Kumitat Kuntratti (Membru) |
| | Widien | Kumitat Finanzi (Membru) |
| | Turizmu | |
| | Animal Welfare | |
| **Johann Borg** | **Kunsillier** | |
| | Komunita Kummercjali | Kumitat Kuntratti (Membru) |
| | Ġbir ta Skart | |
| | Trasport Pubbliku | |
| **Stanley Zammit** | **Kunsillier** | |

| | |
|---|---|
| Dawl<br>Infurzar u Ordni Pubblika<br>Ricerka u Zvilupp Sostenibbli<br>Traffiku | Kumitat Infrastruttura (Membru) |